

Pożizzjoni Vakanti: Maniġer ta' Koordinazzjoni tal-Programm tal-Mard

Unità: Uffiċċju tax-Xjenzat Prinċipali
Referenza: ECDC/FGIV/2018/OCS-DPCM

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' Aġent Kuntrattwali msemmija hawn fuq fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg ser jirrapporta għand il-Kap tat-Taqsima (HOS) tal-Programmi tal-Mard.

Hu/Hi ser ikun/tkun responsabbli b'mod partikolari mill-oqsma ta' ħidma li ġejjin:

- Jappoġġja/Tappoġġja lill-HoS bil-koordinazzjoni ġenerali tat-Taqsima tal-Programm tal-Mard (DP);
- Jappoġġja/Tappoġġja lill-HoS fl-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-programm "cross-disease", speċjalment dawk li jiffukaw fuq il-prevenzjoni ta' mard li jittieħed;
- Jikkoordina/Tikkoordina l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' ħidma annwali u pluriennali ta' Programmi ta' Mard bil-għan li jiġu identifikati opportunitajiet għal attivitajiet u proġetti li jaqsmu l-programmi tagħhom (<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/who-we-are/disease-programmes>);
- Jimmonitorja/Timmonitorja l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ħidma fit-Taqsima tal-Programm tal-Mard, inklużi l-aġġustamenti tal-pjan ta' ħidma;
- Jagħti/Tagħti appoġġ fir-reviżjoni tal-istrategġija DP u fil-koordinazzjoni / fir-reviżjoni tal-proċessi u l-proċeduri ewlenin fit-Taqsima;
- Jassisti/Tassisti fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' strategġija għall-ħidma tal-ECDC ma' Netwerks tal-Mard esterni tal-ECDC, b'enfasi fuq ir-rabtiet bejn id-diversi netwerks (<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/partnerships-and-networks/disease-and-laboratory-networks>);
- Jorganizza/Torganizza attivitajiet interni ta' kollegament biex jiġu kkoordinati proġetti u attivitajiet ta' programm cross-disease;
- Jikkoordina/Tikkoordina l-interazzjonijiet tat-Taqsima DP ma' partijiet ikkonċernati esterni tal-ECDC ewlenin, pereżempju l-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa, eċċ.;
- Jirrappreżenta/Tirrappreżenta lit-Taqsima DP fil-task forces, il-gruppi ta' ħidma u l-komitati interni tal-ECDC kif ikun meħtieġ, għal kull delegazzjoni mill-HoS;
- Jikkontribwixxi/Tikkontribwixxi għal attivitajiet oħra, eż. jagħti/tagħti appoġġ għal proġetti xjentifiċi u tekniċi speċifiċi, kif meħtieġ, fil-qasam tal-għarfien espert tiegħu/tagħha.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex ikun kandidat eliġibbli d-detentur tal-impjeg irid jissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Studji universitarji mitmuma ta' mill-inqas tliet snin attestati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena ¹;
- Għarfien profund ta' waħda mil-lingwi tal-Komunitajiet u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra tal-Komunitajiet sal-limitu meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet tiegħu/tagħha²;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Li jkun/tkun intitolat/a għad-drittijiet kollha tiegħu jew tagħha bħala ċittadin³;
- Il-kandidat għandu jkun issodisfa l-obbligi kollha imposti mil-ligijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Jissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Li jkun/tkun fiżikament kapaċi li jwettaq/twettaq id-dmirijiet relatati ma' din il-kariga.

B. Kriterji tal-għażla

Biex persuna tikkwalifika għal din il-kariga identifikajna **kriterji essenzjali** fir-rigward tal-esperjenza/għarfien professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali.

Esperjenza/għarfien professjonali:

- Mill-inqas 3 snin, wara li tingħata d-diploma, ta' esperjenza professjonali li jkunu nkisbu f'pożizzjonijiet relatati mad-dmirijiet deskritti fid-deskrizzjoni tal-impjeg;
- Sfond akkademiku fis-saħħa pubblika, il-maniġment, l-amministrazzjoni tan-negozju, jew l-ekwivalenti;
- Għarfien u fehim tal-ħidma li tinsab għaddejja fl-oqsma relatati mal-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard f'wieħed jew aktar mis-seba' programmi tal-mard;
- Prova ta' esperjenza ta' ġestjoni tal-programm, li jagħti/tagħti rezultati skont skedi ta' żmien stabbiliti;
- Esperjenza fi jew għarfien tal-akkwist pubbliku;

¹ Ser jiġu kkunsidrati biss iċ-ċertifikati u d-diplomi li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija

² Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għal promozzjoni permezz ta' eżerċizzju ta' promozzjoni annwali, il-membri tal-persunal għandu jkollhom għarfien operattiv ta' tielet lingwa tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

³ Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul ser jintalab jipprovdni ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

- Għarfien eċċellenti tal-Ingriż, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Immotivat/a għall-kwalità u orjentat/a lejn is-servizz;
- Il-ħila li jaħdem/taħdem b'mod kollaborattiv u jibni/tibni relazzjonijiet ta' ħidma b'saħħithom, inkluża ħidma bejn it-timijiet u ma' diversi partijiet ikkonċernati;
- Orjentat/a lejn ir-riżultati;
- Ħiliet organizzattivi eċċellenti;
- Il-ħila li jaħdem/taħdem taħt pressjoni, jimmaniġġja/timmaniġġja r-responsabbiltajiet u jieħu l-inizjattiva.

Identifikajna wkoll esperjenzi u ħiliet li huma ta' vantaġġ għal din il-kariga. Dawn huma:

- Għarfien tajjeb tal-politiki u tal-attivitajiet tal-UE f'qasam wieħed jew aktar tas-seba' programmi tal-mard.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tal-għażla msemmija hawn fuq, jew japplika kwalunkwe kriterju ta' vantaġġ elenkat.

Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjieg

Il-persuna impjegata se tintgħażel abbażi ta' lista qasira proposta mill-Kumitat tal-Għażla lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat tal-Għażla. Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati jenħtieġ li jinnotaw li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni tagħhom fil-lista qasira ma tiggarrantixxix ir-reklutaġġ tagħhom. Il-lista qasira ta' kandidati ser tiġi stabbilita wara proċess ta' għażla miftuħa.

Il-kandidat li jintgħażel ser jiġi reklutat bħala aġent kuntrattwali, skont l-Artikolu 3a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej, għal perjodu ta' ħames snin. Il-kuntratt jista' jiġġedded. Il-ħatra ser tkun fil-**Grupp ta' Funzjoni IV**. L-applikanti għandhom jinnotaw ir-rekwiżit fir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm b'suċċess perjodu ta' prova.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

http://ecdc.europa.eu/en/aboutus/jobs/Documents/Staff_Regulations_2014.pdf

Il-post tal-impjieg ser ikun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Lista ta' riserva

Tista' tinħoloq lista ta' riserva u din tintuża għar-reklutaġġ, fil-każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din ser tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

Proċedura ta' applikazzjoni

Biex tapplika jekk jogħġbok ibgħat applikazzjoni mimlija lil Recruitment@ecdc.europa.eu u fis-suġġett tal-email indika b'mod ċar ir-referenza tal-pożizzjoni vakanti u kunjomok.

Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun valida trid timla t-taqsimiet meħtieġa kollha tal-formola ta' applikazzjoni, li għandha tintbagħat fil-format ta' Word jew PDF u preferibbilment bl-Ingliż⁴. Applikazzjonijiet mhux mimlija għal kollox jittqiesu bħala mhux validi.

Il-formola ta' applikazzjoni tal-ECDC tista' tinstab fuq is-sit web tagħna hawnhekk:
<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet u aktar informazzjoni rigward l-istatus ta' din il-proċedura tal-għażla, kif ukoll informazzjoni importanti rigward il-proċess tar-reklutaġġ, hija mniżżla fuq is-sit web tagħna u tista' tinstab bl-użu tal-link ta' hawn fuq.

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

⁴ Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fl-24 lingwa uffiċjali kollha tal-UE mill-orijinal tiegħu bl-Ingliż. Peress li l-lingwa tal-operazzjonijiet ta' kuljum fl-Aġenzija hija ġeneralment l-Ingliż, l-ECDC jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.